MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 309/1998/1

**Bomber Limited**

**Vs**

**Valtex Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-16 ta’ Frar 1998 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi permezz ta’ skrittura datata 22 ta’ Mejju 1992, kopja taghha esebita ma’ l-att tac-citazzjoni bhala Dok. “A”, il-partijiet ftehmu illi s-socjeta` konvenuta tipprovdi lis-socjeta` attrici bil-materjal *denim* u s-socjeta` attrici timmanifattura minn dan il-materjal numru ta’ *jeans* li s-

socjeta` attrici obbligat ruhha li tibghat lis-socjeta` estera, MAC Mode GMBH fuq istruzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta;

Premess illi s-socjeta` attrici baghtet diversi konsenji ta' *jeans* lill-azjenda estera MAC Mode GMBH, fosthom dawk elenkati fil-fatturi numri 000754, 000764, 000752 u 000751 esebiti ma' l-att tac-citazzjoni bhala Dok. "B", "C", "D" u "E" rispettivament, ghal liema manifattura u konsenja ta' *jeans* is-socjeta` konvenuta ma hallsitx lis-socjeta` attrici nonostante il-fatt li s-socjeta` konvenuta thallset mill-azjenda estera MAC Mode GMBH ghal dawn il-konsenji imsemmija;

Premess illi s-somma globali dovuta lis-socjeta` attrici ghall-manifattura u konsenji tal-*jeans* fuq imsemmija hija ta' DM 73,508.50 u cioe` ta' sittax-il elf u erba' liri Maltin u sitta u erbghin centezmi (Lm16,004.46) bir-rata tal-kambju tallum, mil-liema ammont s-socjeta` konvenuta kienet hallset akkont l-ammont ta' sitt elef u hames mitt lira Maltija (Lm6500) u ghalhekk il-bilanc dovut lis-socjeta` attrici huwa ta' disat elef hames mija u erba' liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm9504.46);

Premess illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m' ghandhiex eccezzjonijiet x' taghti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u cioe` bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disat elef hames mija u erba' liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm9504.46) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju u bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Awissu 1992 kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Bernard Sullivan bhala direttur ta’ l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet ta’ 24 ta’ Marzu 1998 li bih is-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta Nota ta’ Eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-26 ta’ Marzu 1998, li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-azzjoni hija intempestiva stante li skond il-klawsola 5 tal-kuntratt dokument “A” kwalsiasi flus isiru dovuti lis-socjeta` attrici meta l-esponenti tkun irceviet minghand id-ditta estera il-flus relattivi ghall-ordni, liema flus ghal uhud mill-*invoices* l-esponent ma rcevihom qatt kif jafu ben tajjeb l-attur u jista’ jigi pruvat;

3. Illi mill-ammont pretiz (a) hemm *invoices* li qatt ma thallsu, u whud minnhom ma jistghux jithallsu bhal fil-kaz ta’ *invoice* 754 dokument “B” u dan minhabba nuqqas ta’ l-atturi, (b) hemm *invoices* li thallsu in parti billi Mac Mode GmbH naqqsu permezz ta’ *debit notes* ta’ diversi ammonti ghal *charges* minhabba “*manufacturing faults*”, “*short shipment*”, *production charges* ghal zbalji fl-istil u daqs u *revetting charges,* u (c) certi *invoices* bhal dik 751 dokument “E” huma mhallsa bit-tnaqqis ta’ *charges* skond dokument “AA”;

4. Oltre dan is-socjeta` konvenuta avanzat lis-socjeta` attrici fit-12 ta' Awissu s-somma ta' Lm2500 li kellha tithallas fi zmien erba' gimghat oltre l-imghax u qatt ma thallset skond dokument "BB";

5. Barra minn dan is-socjeta` attrici ghadha tiddetjeni drapp *denim* ta' diversi katergoriji proprjeta` tas-socjeta` konvenuta, liema drapp baqa' zejjed skond il-kalkoli ta' drapp manifatturat f' *jeans* u li jammonta ghal Lm2066 Dok. "DD" u li wkoll huwa dovut lis-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Edmund Grech bhala direttur ta' l-istess socjeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet;

Rat id-digriet tat-3 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet intavolata mis-socjeta` konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Qabel xejn hemm bzonn li jigu esposti l-fatti li taw lok ghal din il-kawza. Sintetikament rikapitolati jirrizulta li:

(1) Fit-22 ta' Mejju 1992 intlahaq qbil bil-miktub bejn il-kontendenti, redatt fi skrittura (fol. 5), fejn is-socjeta` konvenuta accettat li tipprovdi l-materjal *denim* biex dan jigi manifatturat f' *jeans* mis-socjeta` attrici ghall-

esportazzjoni lis-socjeta` estera Mac Mode GMBH fil-Germanja. Dan il-ftehim kien l-konsegwenza ta’ ftehim iehor ossija ta’ *joint venture* li kien sar bejn is-socjeta` konvenuta u certa Christine Goeke. Din ta’ l-ahhar kellha tiehu hsieb l-affarijiet teknici tal-manifattura tal-*jeans* u biex tottjeni l-kuntratti mill-Germanja filwaqt li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli mill-finanzjament u l-parti amministrattiva ta’ din il-kollaborazzjoni. Ara Affidavit ta’ Edmund Grech, direttur tas-socjeta` konvenuta a fol. 50;

(2) Bejn Gunju u Awissu 1992 is-socjeta` attrici pproduciet hames konsenji skond fatturi relattivi numri 751, 752, 754 u 763. Il-prezz originarjament pattwit kien ta’ DM 11.50 per *jeans*. Dan gie modifikat fit-2 ta’ Lulju 1992 u ridott ghal DM 10.50 (ara fol. 6);

(3) Il-fatturi kienu jintbaghtu lis-socjeta` konvenuta u din min-naha taghha kienet tikkompila *invoices* taghha b’ numri differenti li eventwalment kienu jintbaghtu barra mis-socjeta` attrici flimkien mal-konsenji. Ara xhieda konfermatorja ta’ Alex Zammit direttur tas-socjeta` attrici a fol. 275. Ix-*shipments* ta’ dawn il-konsenji kienet tiehu hsiebhom is-socjeta` attrici kif manifest mill-*airway bills* esebiti (fol. 176 sa fol. 180);

(4) Skond it-termini ta’ l-iskrittura tat-22 ta’ Mejju 1992 il-pagament mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici kellu jsir meta din tircievi l-fondi minn barra. Jirrizulta li qamet divergenza bejn il-kontendenti dwar il-hlas in kwantu s-socjeta` konvenuta kienet qed tikkontendi li ma thallsitx mid-ditta estera. Pero` din ta’ l-ahhar ikkonfermat, permezz ta’ telefonata u ta’ fax (fol. 88), illi l-hlas kienet ghamlitu. F’ dan il-kuntest issemmew atti frawdolenti kommessi minn Christine Goeke fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u l-proceduri li ttiehdu fir-rigward li, ghalkemm pozittivi, ma taw l-ebda rizultament utli lis-socjeta` konvenuta;

(5) Intant, fl-10 ta’ Settembru 1992 skond kuntratt esebit a fol. 216 is-socjeta` konvenuta kienet avvanzat self ta’ Lm7820 lis-socjeta` Quest Limited. Dan l-ammont kellu jservi ghall-finanzjament tax-xiri tad-*denim* biex jigi

processat mis-socjeta` attrici. Il-Memorandum esebit a fol. 81 jikkonferma dan. Skond Alex Zammit (fol. 74) dan is-self sar lis-socjeta` imsemmija ghaliex din kellha assi sufficjenti biex tiggarantixxi r-radd lura;

(6) L-imsemmi xhud jissokta jippreciza illi finalment bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim verbali li s-socjeta` konvenuta ma tinsistix ghar-rifuzjoni tas-self minnha maghmul lil Quest Limited u min-naha taghha s-socjeta` attrici ma tinsistix ghall-hlas tal-bilanc li jkun baqa' wara li ssehh it-tpacija. Edmund Grech mhux biss jizmentixxi li ntlahaq tali ftehim (fol. 121) izda esebixxa diversi ittri mibghuta bejn l-1993 u l-1997 (fol. 260 sa fol. 268) biex jillustra l-punt li hu qatt ma accetta tpacija. Effettivament hemm qbil li anke ttiehdu proceduri mis-socjeta` konvenuta kontra Quest Limited ghar-radd lura ta' l-ammonti mislufa, konkjuzi bid-decizjoni tat-2 ta' Marzu 1998. Irid jigi rilevat illi s-self hekk maghmul fl-10 ta' Settembru 1992 kien intiz li jkopri ftehim gdid wara li kienet spiccat l-produzzjoni ghab-bazi ta' l-ewwel akkordju (22 ta' Mejju 1992). Ara xhieda ta' Alex Zammit a fol. 223;

(7) Bernard Ellul Sullivan, direttur iehor tas-socjeta` attrici, jghid fl-Affidavit tieghu illi raggunt il-ftehim dwar it-tpacija huwa ttanta jikkuntattja lin-Nutar biex jigi rexxiss il-kuntratt tas-self lil Quest Ltd. F' dan jirrikonoxxi illi "kien difficli biex in-Nutar ikollu l-hin biex niltaqghu u kemm minhabba negligenza min-naha taghna" (fol. 98). Min-naha tieghu n-Nutar Hugh Grima (ara Affidavit tieghu a fol. 145) jiddikjara li hu qatt ma gie avvicinat mill-partijiet ghal fini ta' rexxissjoni ta' xi kuntratti;

(8) Fil-korp tac-citazzjoni taghha s-socjeta` attrici bdiet biex ressqet pretiza ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' Lm9504.46. Eppure fl-Affidavit tieghu Alex Zammit, wara li ha in konsiderazzjoni l-pagamenti li saru lis-socjeta` attrici, kif konfermati minn cekkijiet esebiti mis-socjeta` konvenuta (fol. 66 sa fol. 69), irreduca t-talba ghal Lm8952.10 (fol. 76). Somma din ulterjorment ridotta minnu ghal Lm7965.25 (fol. 123) wara li ttiehed qies ta' xi *debit notes* mibghuta mis-socjeta` estera dwar produzzjoni difettuza. Dan, apparti, diskrepanzi ohra.

Edmund Grech jikkontestalu anke dan l-ammont u, anzi, jsostni li s-socjeta` konvenuta kienet intitolata ghall-bilanc favur taghha ta' Lm1038.20 (ara Affidavit tieghu a fol. 147). Gie prodott ukoll ix-xhud Anthony Doublet, awditur mas-socjeta` MSD & Cole Ltd. Dan jghid li ezamina l-*accounts* ta' Bomber Limited u sab li ma kien hemm ebda kreditu dovut mis-socjeta` konvenuta (fol. 286);

(9) Qamet ukoll kwestjoni incidentali dwar xi *denim* li kien baqa' fil-pussess tas-socjeta` attrici wara Awissu 1992. Is-socjeta` attrici tghid li hi ghaddiet dan id-drapp lis-socjeta` Meditex Ltd fuq struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta. Din pero` ssostni li kien ghad baqa' minn dan il-materjal fil-pussess tas-socjeta` attrici. Biex issostni dan ipproduciet lil Joseph Bonello, gja Prodocution Manager mas-socjeta` attrici, li kkonferma li f' Awissu 1992 kien ghad baqa' *denim* ghand is-socjeta` attrici. Vide Affidavit tieghu a fol. 232;

Stabbiliti s-suesposti fatti estratti mir-rizultanzi processwali jibda biex jigi osservat in linea preliminari illi kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici illi taghti dimostrazzjoni sodisfacenti tal-fatt kostituttiv tad-dritt vantat minnha. Hi kienet gravata bl-oneru li ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant tforni prova li adegwatament tissodisfa l-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni taghha. Jigifieri l-prova ta' l-ammont bilancjali rikjest minnha u, fuq kollox, li s-socjeta` konvenuta rceviet l-pagamenti dovuti mid-ditta estera biex ikun jista' jsirilha l-hlas fit-termini tal-ftehim tat-22 ta' Mejju 1992;

Mill-atti mhux biss ma jirrizultax li dawn il-pagamenti waslu fl-*accounts* tas-socjeta` konvenuta talli kif rikonoxxut mid-diretturi tas-socjeta` attrici fl-i*statement* datat 18 ta' Mejju 1994 (fol. 269) dawn kienu konsapevoli tal-fatt illi l-hlasijiet gew inkassati minn Christine Goeke u mhux mis-socjeta` konvenuta;

Issa anke kieku kellha din il-Qorti tammetti l-fatti sottomessi mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici bhala

kollha veri u provati hemm l-iskoll tal-preskrizzjoni eccepita mis-socjeta` konvenuta. Preskrizzjoni din kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Mhux kontestat illi l-produzzjoni mis-socjeta` attrici saret bejn Gunju u Awissu 1992, mentri l-azzjoni *de qua* giet intavolata fis-16 ta' Frar 1998, jigifieri aktar minn hames snin. Is-socjeta` attrici tramite r-rapprezentanti taghha tispjega li damet biex tiftah il-kawza ghax skond hi kien hemm l-allegat ftehim verbali dwar it-tpacija. Ara deposizzjoni ta' Alex Zammit a fol. 297. Ftehim dan li, apparti li hu negat mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, qatt ma mmatura f' kuntratt ta' rexxissjoni u li, skond id-diretturi tas-socjeta` attrici, kien intiz, ghallanqas minnhom, li kellu jsehh biex jaghti fidi lil dan l-allegat ftehim ta' tpacija;

Anke jekk din hi spjegazzjoni possibbli u l-Qorti taccetaha bhala plawsibbli hafna, xorta jibqa' l-fatt illi din ma tistax, wehidha, u ghal dik ir-raguni, isservi biex tinnewtralizza l-preskrizzjoni eccepita;

Huwa pacifiku illi d-dritt hu estint bil-preskrizzjoni meta t-titolari tieghu ma jezercitahx fi zmien specifiku mil-ligi determinat. Kif ahjar definit fl-Artikolu 2107 (2) tal-Kodici Civili "il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi". Li jfisser allura, f' termini dottrinali, illi l-preskrizzjoni taspira ghal dik l-esigenza li tassikura c-certezza tar-rapporti guridici bl-assorbiment ta' dik l-eliminazzjoni ta' kuntrast bejn sitwazzjoni ta' fatt u sitwazzjoni ta' dritt;

Kif jinghad fl-Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16, "il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss." Ma humiex ta' ostakolu allura impedimenti ta' fatt izda biss impedimenti li joriginaw mil-ligi. Ara a propozitu "**Joseph**

**Chircop** ***et*** **-vs- Salvatore Muscat** ***nomine***", Appell, 28 ta' April 2000 u r-rassenja tas-sentenzi fiha kompendjati;

In effetti fl-ordinament guridiku taghna l-principju "*contra non valentem agere non currit praescriptio"* issib applikazzjoni biss fil-kazijiet ta' sospensjoni (Artikolu 2122 u Artikolu 2123 tal-Kodici Civili) jew f' dak fejn eccezzjonalment il-ligi tati certa rilevanza lil certi ostakoli materjali ghall-ezercizzju tad-dritt. *Ad exemplum*, il-preskrizzjoni fl-azzjoni ta' annullament ta' kuntratt minhabba vizzju ta' kunsens u li skond l-Artikolu 1223 (1), Kodici Civili tibda tiddekorri mill-jum li fih ticcessa l-vjolenza jew ikun skopert il-qerq. Jew fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le, tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor li, sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perjodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi. Ara a propozitu "**Bartolomeo Xuereb -vs- Carmelo Zammit**", Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994 u "**Moses Bugeja -vs- Joseph Delceppo**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Il-kaz in diskussjoni ma huwiex wiehed fejn jista' jinghad li l-preskrizzjoni ma setghetx tibda tiddekorri minhabba kawza ta' xi impediment legali kif ezemplifikat hawn fuq. Anke jekk il-hlas kien soggett ghall-kondizzjoni taz-zmien - il-pagament mid-ditta estera - jekk, kif jirrizulta, is-socjeta\` attrici kellha konferma f' Ottubru 1992 li dan il-hlas kien sar kien messha agixxiet tempestivament ghall-hlas minghand is-socjeta\` konvenuta jew, ghallanqas, tissalvagwardja d-dritt taghha b' att gudizzjarju. Att dan li kien jiswa biex jinterrompi l-preskrizzjoni izda li s-socjeta\` attrici baqghet ma ghamlitux;

Issa huwa veru li jinsab ukoll stabbilit il-principju li ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni jekk id-debitur ipoggi ruhu fi stat li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni (**Kollez. Vol. XXXVII P I p**

**310**). F’ kaz bhal dan l-imgieba tad-debitur hi meqjusa li tikkostitwixxi rinunzja ghall-preskrizzjoni;

F’ dan il-kaz ma jistax pero` jinghad illi l-imgieba processwali tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta kienet tali li ggib inkompatibilita` mal-volonta` tieghu li jipprevalixxi ruhu mill-kawza estintiva tad-dritt tas-socjeta` attrici. Del resto, stava ghas-socjeta` attrici li turi, bi prova certa u univoka, li l-preskrizzjoni eccepita tinsab paralizzata minhabba rinunzja tacita. Hi htiegilha tiddemostra li mhux biss kien jezisti fatt inkompatibbli mal-volonta` tad-debitur taghha izda wkoll li dak il-fatt gie *in essere* minn min favur tieghu immaturat il-preskrizzjoni. Din il-prova s-socjeta` attrici baqghet ma ghamlithiex, lanqas meta kienet rinfaccjata bis-sottomissjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta illi kienet din is-socjeta` l-kreditrici u mhux vice-versa;

Ankorke` kellu jigi accettat illi mill-provi tista’ tigi inferita tali rinunzja tacita din se mai kienet hekk il-posizzjoni bejn l-ahhar ta’ l-1992 u l-bidu ta’ l-1993. Minn dak il-mument ‘il quddiem certament rega’ beda jiddekorri terminu preskrittiv gdid daqs li kieku kien il-perijodu preskrittiv originarju. (Ara **Kollez. Vol. XLIII P II p 744**). Dato, ma non concesso, li hekk kien il-kaz anke fir-rigward ta’ dan il-perjodu gdid ta’ preskrizzjoni ma rrizultax imbaghad li sar xi att interruttiv;

Apparti allura dak fuq espress u rilevat fir-rigward tal-prova li riedet taghmel is-socjeta` attrici biex issostni l-bazi tal-pretensjoni taghha, jidher ukoll minn dak deliberat dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta illi l-preskrizzjoni minnha sottomessa b’ difiza jisthoqqilha in raguni ghar-rizultanzi istruttorji li tigi sostenuta;

Kif gja fuq manifest is-socjeta` konvenuta qed issostni li ma ghandhiex taghti. F’ materja ta’ preskrizzjoni qasira din il-linja ta’ difiza u d-dilazzjoni tad-debitu ma

jjipprekludix lis-socjeta` konvenuta milli tikkampa kif ghamlet il-preskrizzjoni (**Kollez. Vol. XXX P I p 976**).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni [Artikolu 2156 (f), Kodici Civili] sollevata mis-socjeta` konvenuta, tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez gudizzjarji jibqghu interament a karigu ta' l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------